

Minbarra dan, ir-rikorrent jikkunsidra li dan imur kontra l-prinċipji ġenerali tad-dritt Komunitarju, u b'mod partikolari ta' l-obbligu ta' premura u tal-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba, trasparenza, osservanza ta' l-aspetattiva leġittima, ta' ċertezza legali, ta' *bona fede*, kif ukoll tal-projbizzjoni tar-“reformatio in peius” kif ukoll tad-drittijiet tad-difiża.

### Rikors ippreżentat fil-21 ta' Marzu 2007 — Potoms u Scillia vs Il-Parlament

(Kawża F-26/07)

(2007/C 117/57)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

#### Partijiet

Rikorrenti: Gerrit Potoms (Malines, Il-Belġju) u Mario Scillia (Brussell, Il-Belġju) [rappreżentanti: S. Orlandi, A. Coolen, J.-N. Louis u E. Marchal, avocats]

Konvenut: Il-Parlament Ewropej

#### Talbiet tar-rikorrenti

- tiddikjara li l-Artikoli 5 u 12 ta' l-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal huma illegali;
- tannulla d-deċiżjonijiet individwali li jinnominaw lir-rikorrenti għal impjeg ta' amministratur, peress li dawn jistabbilixxu l-klassifikazzjoni tagħhom skond l-Artikolu 5(2) ta' l-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal;
- tiddikjara li l-miżuri ta' applikazzjoni li jirrigwardaw l-ġhotti ta' punti ta' mertu u ta' promozzjoni huma illegali peress li jipprovdu għat-tneħħija ta' punti ta' mertu u ta' promozzjoni fil-każ li wieħed jgħaddi minn grupp ta' funzjoni għal ieħor;
- tannulla d-deċiżjonijiet individwali li jneħħu l-punti ta' mertu u ta' promozzjoni miġbura mir-rikorrenti fil-kategorija tagħhom ta' qabel;
- tannulla d-deċiżjonijiet individwali li japplikaw fattur multiplikatur inqas minn 1 sabiex jiġi ddeterminat is-salarju tar-rikorrenti;
- tikkundanna lill-Parlament Ewropej ibati l-ispejjeż.

#### Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikorrenti jinvokaw tliet motivi simili għal dawk invokati fil-kawża F-31/06 <sup>(1)</sup>.

<sup>(1)</sup> ĠU C 131 tat-3.6.2006, p. 50.

### Rikors ippreżentat fis-26 ta' Marzu 2007 — Sundholm vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-27/07)

(2007/C 117/58)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

#### Partijiet

Rikorrenti: Asa Sundholm (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: S. Orlandi, A. Coolen, J.-N. Louis u E. Marchal, avocats)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

#### Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla d-deċiżjoni tat-2 ta' Ġunju 2006, dwar l-abbozzar ta' rapport ta' l-iżvilupp tal-karriera tar-rikorrenti għall-perjodu li jmur mill-1 ta' Lulju 2001 sal-31 ta' Diċembru 2002, in eżekuzzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej ta' l-20 ta' April 2005, Sundholm vs Il-Kummissjoni (T-86/04);
- tikkundanna l-parti konvenuta tħallas, f'dan l-istadju tal-proċedura, EUR 1 bħala danni morali;
- tikkundanna lill-Kummissjoni tbat l-ispejjeż.

#### Motivi u argumenti prinċipali

In sostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka, l-ewwel nett, ksur ta' l-Artikolu 233 KE u ta' l-obbligu ta' motivazzjoni, in kwantu d-deċiżjoni kkontestata ma tippermettix li jinftihem kif il-motivi tas-sentenza ċċitata iktar 'il fuq ittieħdu in kunsiderazzjoni.

Barra minn hekk, ir-rikorrenti ssostni li d-deċiżjoni kkontestata, minn naħa, ma rrikonossix l-oġettivi u l-għanijiet imfittxija mis-sistema l-ġdida ta' evalwazzjoni tal-karriera u, min-naħa l-oħra, hija vvizzjata minn inkoeerenza bejn il-kummenti u l-punti mogħtija.

Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti tinvoka l-ksur tad-drittijiet tad-difiża, sa fejn l-elementi fattwali li jservu ta' bażi għall-evalwazzjoni tagħha ma ġewx ikkomunikati lilha la fil-mument meta saru u lanqas fil-kuntest tal-proċedura ta' evalwazzjoni.

### Rikors ippreżentat fit-28 ta' Marzu 2007 — Quadu vs Il-Parlament Ewropej

(Kawża F-29/07)

(2007/C 117/59)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

#### Partijiet

Rikorrent: Sandro Quadu (Brussell, il-Belġju) [rappreżentanti: S. Orlandi, A. Coolen, J.-N. Louis u E. Marchal, avocats]

Konvenut: Il-Parlament Ewropej